# Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Giovanni M Grixti LL.M., LL.D

Appell Nru. 123/2017

**Il-Pulizija**

**vs**

**Fabio Psaila**

Seduta tat-30 ta' Jannar, 2020

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni dedotta kontra l-appellant, Fabio Psaila, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 318874M quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli ghax-xhur ta' Settembru, Ottubru u Novembru 2016, fil-Gzejjer Maltin, b'diversi atti maghmulin minnu, wkoll jekk fi zminijiet differenti, kisru l-istess disposizzjoni tal-ligi u gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, dawn l-atti jitqiesu bhala reat wiehed imsejjah reat kontinwat, naqas li jaghti lil Isabelle Mercieca s-somma ta' €280, ffissata minn dik il-Qorti jew stipulata fil-kuntratt bhala manteniment ghal uliedu u/jew martu, fi zmien hmistax-il jum minn dak il-jum li fih, skond ordni jew dak il-kuntratt kellha tithallas is-somma;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tat-8 ta' Marzu, 2017 li biha sabet lill-imputat appellant hati tal-imputazzjoni dedotta kontra tieghu u ikkundannatu ghal tliet xhur prigunerija;

Rat ir-rikors tal-appellant, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fl-20 ta' Marzu, 2017, li bih talab lil din il-Qorti tirrevoka, **thassar** u tannulla s-sentenza tat-8 ta' Marzu, 2017 moghtija mill-Onorabbli Qorti tal-Magistrati u tilliberah minn kull htija u piena skond il-Ligi;

Rat l-aggravji tal-appellant;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Semghet lill-parti civili bil-gurament;

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.;

Ikkunsidrat:

1. Illi l-appellant jillanja s-sentenza appellata bil-gravam tal-apprezzament zbaljat tal-fatti u tal-provi. L-ewwel argument tieghu hu li l-manteniment pretiz mill-parti civili ma kienx dovut permezz ta' digriet izda permezz ta' sentenza tal-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) tal-1 ta' Marzu, 2011 konfermata mill-Qorti tal-Appell nhar it-3 ta' Frar, 2012. Dan ir-ragunament ghall-ewwel jista' jidher li hu wiehed frivolu, izda minn ezami tal-atti jirrizulta illi l-Ufficcjal tal-Pulizija PC1568 li kien ha r-rapport tal-kwerelanta, xehed per via ta' affidavit illi kien intwera digriet tal-Qorti Civili (Sezzjoni

Familja) numru 179/08 NC bid-data tal-1 ta' Marzu, 2011 li jobbliga lill-imputat ihallas is-somma ta' Euro 140 kull xahar ghal kull wild bl-ammont totali ta' Euro 280 fix-xahar;

2. Fl-atti processwali hemm dokument konsistenti f'sentenza tal-Qorti Civili Sezzjoni Familja, Rikors Guramentat Nru 179/08NC deciza fl-1 ta' Marzu, 2011. Issa ghalkemm dan id-dokument ma jinsabx fizikament f'dawn l-atti, permezz ta' verbal fl-udjenza tat-8 ta' Marzu, 2017, l-ewwel Qorti ordnat li l-provi mismugha fil-kawza numru 36 japplikaw ghal din il-kawza ukoll. Il-kawza numru 36 hija fl-istess ismijiet bhal dik odjerna deciza fit-8 ta' Marzu, 2017, appellata u deciza minn din il-Qorti fit-28 ta' Marzu, 2019 bin-numru 122/2017. L-appellant, allura imputat, kien xehed quddiem l-ewwel Qorti izda ma hemm ebda registrazzjoni tad-deposizzjoni tieghu in atti. Quddiem din il-Qorti ma xehedx kif kellu kull dritt li jaghmel, u ghalhekk id-dokument sentenza jitqies li huwa l-ahjar prova migjuba mill-prosekuzzjoni bhala konsisti fl-ordni li biha l-appellant kien dovut il-manteniment lamentat. Ghaldaqstant dan l-aggravju qed ikun michud;

3. Fit-tieni aggravju tieghu, l-appellant jillanja illi l-ewwel Qorti naqset milli taghmel ezami tal-fatti u tiddistingwi bejn l-impossibilita' ta' hlas ta' manteniment u rifjut ta' hlas. Jargumenta l-appellant illi sa ftit zmien ilu kien jippercepixxi ammont mensili ta' tlett mitt euro u minn dan l-ammont kellu jhallas mitejn u tmenin bhala manteniment. Sussegwentement, id-Dipartiment tas-Sigurta' Socjali waqqaf dan il-beneficcju bil-konsegwenza li kien fl-impossibilita' li jhallas il-manteniment. Anke hawn huwa difficli ferm li din il-Qorti tikkontempla diskussjoni dwar jekk l-imputat kienx fl-impossibilita' li jhallas l-ammont dovut. Il-gurisprudenza minnu citata hija interessanti ferm, izda dak li din il-Qorti kienet tehtieg l-ewwel u qabel kollox, kienet il-prova tal-kawza tal-

impossibilita'. Din hija mankanti u ghalkemm l-imputat iddepona quddiem l-ewwel Qorti, kif gia inghad ma hemm ebda registrazzjoni tax-xhieda tieghu. Ghal din ir-raguni, dan l-aggravju qed ikun michud;

4. Illi fl-udjenza tat-28 ta' Novembru, 2019, il-kwerelanta, ossia l-avukat difensur taghha, infurmat lill-Qorti illi fil-mori tad-differiment, l-appellant kien hallas l-ammont kollu ta' manteniment dovut lill-klijenta taghha. Fl-istess udjenza, l-imputat talab illi fit-termini tal-artikolu 520 tal-Kodici Kriminali li jaghmel applikabbli l-artikolu 143(4),(5) u (6) tal-Kapitolu 12 it-talba tieghu ghar-revoka tas-sentenza tkun takkludi t-talba ghar-riforma taghha. Dik it-talba kienet milqugha u ghalhekk l-appell jista' jissokta b'konsiderazzjoni dwar ir-riforma tieghu, jigifieri dwar il-piena kominata mill-ewwel Qorti;

5. Issa, kif inhu ben stabbilit minn din il-Qorti, meta si tratta ta' piena ma huwiex normali li din tissostitwixxi d-diskrezzjoni ezercitata mill-ewwel Qorti sakemm ma jkun hemm xejn x'jiddimostra li dik il-piena ma kienitx fil-parametri tal-ligi. Madanakollu l-iskop tal-leġislatur kif espress fl-artikolu 338(z) tal-Kodiċi Kriminali intlaħaq proprju bid-dikjarazzjoni ta' ħlas tal-ammont kollu dovut;

6. Għal dawn il-motivi, din il-Qorti, filwaqt illi tichad it-talba tal-appellant ghat-thassir tas-sentenza appellata, tghazel illi tirriforma l-istess billi tikkonfermaha f'dik il-parti li biha sabet lill-appellant hati tal-imputazzjoni dedotta kontra tieghu, izda tirrevokaha f'dik il-parti li biha kkundannatu għal-terminu ta' tliet (3) xhur priġunerija u minflok tikkundannah għal-twiddiba.